MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Talba Numru. 1040/2010

**Mobilse Communications Ltd (C-24655)**
**vs**
**Bernardette Hassen (K.I. 227981M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, seba' mija u erba' ewro u seba' centezmi (€1704.07) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 1021913 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Sema' lill-konvenuta tammetti taht gurament illi l-ammont fit-talba huwa dovut minnha u ghadu sal-lum dovut.

Illi l-konvenuta esprimiet fix-xhieda taghha li hija ma kienetx f'posizzjoni li thallas dan l-ammont u ghalhekk xtaqet illi hija thallas l-ammont dovut minnha ratejalment.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici pprovat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------